Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2013

Numru. 193/2013

**Il-Pulizija**
**(Supt. Stephen J. Gatt)**

**vs**

**Rodrick Spiteri**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, Rodrick Spiteri iben Raymond u Agnes nee` Chetcuti imwieled Pieta` fil-5 ta' Lulju 1988 u joqghod 182, Raynes House, Triq il-Merhba, Fgura, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 306888M

Akkuzat talli nhar id-9 ta' April 2008 u xhur qabel gewwa dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi

zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1) Ipproduca, biegh jew xort’ohra ittraffika fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara, b’referenza ghall-ewwel imputazzjoni, illi dan kien kaz ta’ traffikar by *sharing* u li ghalhekk ghandu japplika l-proviso ghall-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba u jerga’ lura minnha;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi ghal fini ta’ piena, il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali aggornata tieghu li ghalkemm mhijiex wahda netta, lanqas ma hija allarmanti u l-fatt illi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, dan kien kaz ta’ traffikar *by sharing* u l-Qorti sejra tapplika l-proviso ghall-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

In oltre il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni ghal fini ta’ piena, illi t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni stante li din serviet bhala mezz ghal fini sabiex seta’ jigi kommess ir-reat fl-ewwel imputazzjoni, u dan a tenur tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Konkluzjoni**

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 8(a), 8(b), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) u l-proviso ghall-Artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni kundizzjonata u illi jista’ jibbenefika mid-disposizzjonijiet tal-proviso ghall-Artikolu 22(9) ghal darba wahda biss.

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga, Dokument SG2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’

din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------